MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru 152/2002

PULIZIJA
SPETTUR MORGAN AZZOPARDI
VS
JASON PENZA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jason Penza, ta’ 29 sena, bin Felix u Eileen nee’ Magro, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Jannar 1973, u residenti Door 2, Block 5, Luqa Road, Paola, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 72473(M), u akkuzat talli gewwa Haz Zabbar fit-12 ta’ Frar 1999, u fl-erba’ snin ta’ qabel, bhala l-propjetarju, direttur jew konsumatur tal-hanut Kejla Store, li jinsab fi Triq il-Bahrija, Zabbar, u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku fl-imsemmi fond, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-

meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata fil-fond imsemmi hawn fuq, ikkommetta serq ta' dawl elettriku li jammonta ghal elf tlett mija u disa' Liri u tnejn u disghin centezmu (Lm1309.92) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, valur u hin.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, ghamel hsara volontarja fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-istess Korporazzjoni Enemalta, liema hsara tammonta ghas-somma ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u rat illi fil-mori tal-kawza, l-imputat hallas il-pendenzi kollha illi kellu mal-Korporazzjoni Enemalta, u dan gie konfermat mix-xhieda ta' Ivan Vella, fis-27 ta' Mejju 2004.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikli 18, 261(b)(c), 263, 264, 267, 278, 279 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar u dan wara li hadet in konsiderazzjoni li l-imputat huwa 'a first offender'.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------